# Programm tan-Nar

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju:** ***Bidu tal-Kwindiçina***
**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa nfernali u murtaletti.
**9.30pm** Ħruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

**It-Tlieta, 9 t'Awwissu:** ***Ħruq tal-Istatwa fuq iz-zuntier***
**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-Ħruq tal-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

**Il-Ħamis, 11 t'Awwissu:** ***L-ewwel jum tat-Tridu***
**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka Sagramentali jsir Ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art..

**Il-Ġimgħa, 12 t'Awwissu:** ***It-Tieni jum tat-Tridu***
Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Is-Sibt, 13 t'Awwissu:** ***It-Tielet jum tat-Tridu***
Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħadd, 14 t'Awwissu:** ***Lejlet il-Festa***
**9.30am** Mad-daqq tat-*Te Deum*, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħrog it-Translazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa nfernali u esebizzjoni kbira ta' diversi
settijiet ta' murtaletti bil-logħob.

**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar tal-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari, sinkronizzat mal-mużika. Settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur. Ix-xogħol kollu ser jinħaraq bis-sistema kompjuterizzata *Fire One*.
**11.30pm** Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art oriġinali u mekkanizzat.

**It-Tnejn, 15 t'Awwissu:** ***L-Għid tal-Assunta***
**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjata mid-daqq tas-sirena, segwita minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-Istatwa devota tal-Patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa nfernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema*, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

**It-Tnejn, 22 t'Awwissu:** ***L-Ottava tal-Festa***
**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

**Nota mill-Bord Editorjali**
Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min għen sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-ħruq. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li kien sar fis-sena 2006, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata fir-rebħ tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar organizzat ġewwa Ruma l-Italja; Caput Lucis 2007. Fis-sena 2010
l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet ukoll il-IV Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art.